MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-22 ta' Frar, 2010

Avviz Numru. 109/2000/1

**C.D.B. Properties Limited**

**Vs**

**Oswald Arrigo Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) dovuta lill-attur ghal akkomodazzjoni fil-lukanda ta’ l-istess attur, liema somma giet ippercepita minnek il-konvenut minn pensuni li gew hekk akkomodati fil-lukanda Il-Palazzin Hotel.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tat-23 ta’ Marzu 1998 u bl-imghaxijeit legali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-istess socjeta' konvenuta u li biha (fol 8 tal-istess atti) eccepiet bir-rispett:-

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u dan peress li l-ammont reklamat mhux dovut mill-istess socjeta' konvenuta.

Rat in-nota spjegattiva (fol 12 ibid) maghmula mis-socjeta' konvenuta fuq ordni tal-Qorti (ara fol 11 ibid) u li biha din is-socjeta' spjegat:-

1. Illi s-socjeta' konvenuta f'din il-kawza eccepiet li t-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u dan peress li l-ammont reklamat mhux dovut mill-istess socjeta' konvenuta;
2. Illi hija giet mitluba minn din l–Onorabbli Qorti sabiex taghti spjega ta' dawn l-eccezzjonijiet;
3. Illi s-socjeta' konvenuta tosserva li qabel din il-kawza hija qatt ma rceviet indikazzjoni dwar l-ispecifikazzjonijiet proprji tal-meritu tat-talba tas-socjeta' attrici u dwar liema pendenzi din kienet titratta stante li bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni kummercjali kontinwa u mhux transazzjoni wahda;
4. Illi fin-nuqqas ta' tali informazzjoni is-socjeta' konvenuta kellha tirrispondi fuq dak li hija kienet kostretta tassumi x'kien il-meritu tat-talba tas-socjeta' attrici.
5. Is-socjeta' konvenuta tosseva li t-talba attrici tista titratta pendenza partikolari fejn is-socjeta' konvenuta ma kienetx hija direttament qed tagixxi bhala tour operator izda kienet qed tagixxi fil-kapacita kummercjali taghha ta' travel agent.
6. Illi jekk is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas taghha ghal din il-pendenza is-socjeta' konvenuta ttenni li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici mhux dovut minnha izda huwa dovut mit-tour operators barranin;
7. Illi fi kwalunkwe kaz u minhabba s-suespost l-ammont mhux dovut ukoll minhabba l-fatt li s-socjeta'

konvenuta qatt ma kkontrattat mas-socjeta' attrici fil-kwalita taghha proprio;
8. Illi s-socjeta' konvenuta tirriserva d-dritt li tipprezenta sottomissjonjiet ulterjuri *si et quatenus* ikun mehtieg fid-dawl ta' dak li ghad irid jirrizulta mill-provi tas-socjeta' attrici u dan minhabba l-fatt li sal-lum, kif spjegat aktar il-fuq, is-socjeta' attrici ghadha qatt ma formalment infurmat lis-socjeta' konvenuta in-natura proprja tal-meritu tat-talba taghha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi Paul Spiteri, il-'general manager tas-socjeta' attrici spjega (fol 17 et seq ibid) illi dik konvenuta hi '… agenta ta' socjeta sitwata fil-Litwanja' u kienet baghtet, fuq bazi ta' ftehim verbali anke fuq ir-rati bejn il-partijiet, minn ta' persuna anke fi gruppi sabiex jigu akkomodati f'lukanda appartenenti lis-socjeta' attrici u msemmija fl-avviz. Dan il-kaz jirreferi ghal dan il-ftehim u ghall-perjodu ta' Awissu u Settembru 1997. Fuq din il-bazi, ix-xhud spjega li l-ammont globali dovut kien ta' Lm7749.19 li minnhom is-socjeta' konvenuta kienet hallset permezz ta' 'cheque', Lm6360.44. Ghalhekk, skond ix-xhud kien hemm dovut bilanc ta' ' commission' ammontanti ghal Lm1060. Ix-xhud spjega illi, kif risultanti minn nota esebita minnu u li tinsab a fol 21 ibid, meta sar il-pagament kien gie infurmat illi minhabba 'overbooking' fil-lukanda tas-socjeta' attrici, dik konvenuta kellha ssib akkomodazzjoni alternattiva f'lukanda ohra. Dwar dan ix-xhud sostna illi '… mill-bidunett…. kien hemm xi numru zghir minnhom li ma stajniex nakkomodawhom' ammontanti ghal '.. xi tlieta jew erbgha' skond ix-xhud, dawn in-nies ma humiex inkluzi fl-ammont pretiz fl-avviz in esami (ara ukoll ix-xhieda ta' Vincent Micallef a fol 24 ibid kif ukoll id-dokumenti esebiti minnu).

Ikkunsidrat

Illi George Arrigo (fol 42 u fol 64 et seq ibid) bhala direttur tas-socjeta' konvenuta beda billi qal illi, kif tidher mill-ftehim a fol 49 intestat 'Hotel Contract' li l-ftehim bejn il-partijiet kien bil-miktub u mhux verbali kif xehed Paul Sptieri. Minn dan id-dokument, jidher illi s-socjeta' konvenuta kienet qed tagixxi f'isem is-socjeta' estera msemmija sitwata fl-Estonija. Minnu jidher ukoll il-perjodu tal-ftehim, ir-rata li kellha tithallas lis-socjeta' attrici ghal kull persuna u l-perjodu li kull persuna kellha tirrisjedi fil-lukanda msemmija. Inoltre jinghad u gie miftiehem illi 'the duties and obligations assumed herein are deemed to be duties and obligations of the Tour Operator and can in no way be interpreted to be obligations of Oswald Arrigo Ltd … it is expressly stated that payment will only be effected to the establishment once payment has been effected by the above mentioned Tour Operator'. Fi ftit kliem is-socjeta konvenuta tikkontendi illi dan il-ftehim kien sar bejn is-socjeta' attrici u 'tour operator' barrani, hemm msemmi. Skond dejjem l-istess xhud, is-socjeta' konvenuta kienet qed tagixxi biss bhala agent lokali li jiehu hsieb il-klijenti in rigward trasport mill-ajruport u eskursjonijiet. Dwar dan il-kaz ix-xhud spjega li s-socjeta' barranija ossija 't-'tour operator' kellhom klijenti li kienu gejjin Maltin kull gimgha fil-perjodu in kwistjoni u s-socjeta' konvenuta bdiet talloka 'bookings' f'diversi lukandi fosthom dik gestita mis-socjeta' attrici (ara d-dokumenti a fol 50 et seq ibid). Pero, wara li dawn gew accettati, mis-socjeta' attrici is-socjeta' konvenuta kienet giet informata. Sussegwentement illi dik attrici kelha problema ta' 'over bookings' u setghet biss talloka disat ikmamar minn hmistax. Hawnhekk is-socjeta' konvenuta kienet informat lil dik attrici li ser tkun kostretta li takkomoda l-klijenti involuti f'lukanda ohra ta' hames stilel u dan peress li l-istess socjeta' attrici inghatat l-opportunita li ssib tali akkomodazzjoni alternattiva. Meta gara dan u kellu jsir l-ahhar pagament dovut lis-socjeta' attrici, kif jidher mid-dokument a fol 21 ibid dan il-pagament kien sar izda ssemma ukoll li s-socjeta' attrici kellha thallas l-ispejjes inkorsi mis-socjeta' konvenuta sabiex takkomoda l-klijenti involuti f'lukandi bi grad aktar gholi minn dik tas-socjeta' attrici. Inoltre ix-xhud semma illi l-'ex manager' ta' din il-lukanda (ara fol 37 u fol 74 ibid) kien informah illi l-istess

socjeta' attrici kienet accettat grupp iehor ta' turisti sabiex dawn jigu akkomodati fil-lukanda involuta. Inoltre, '.. l-ammont mitlub fl-avviz … jirrapresenta d-differenzi li thallset ….. lill-lukanda alternattiva minhabba dak premess.

Ikkunsidrat

Illi, dan premess, fil-fehma ta' din l-Qorti, jridu jigu sottolineati s-segwenti fatti:-

a) Hu minnu li s-socjeta' konvenuta kienet iffirmat ftehim bil-miktub mas-socjeta' attrici u dan fil-kwalita' taghha tas-socjeta' estera msemmija fl-istess ftehim. Konsegwentement, il-kaz seta' waqaf hemm billi jinghad illi s-socjeta' konvenuta giet citata hazin.

b) Pero, l-istess Qorti thoss li ghandha tidhol fil-meritu ta' dan il-kaz. L-ewwel nett ghandu jinghad illi l-ftehim involut kien wiehed bil-mitlub u mhux semplicement verbali kif xehed Paul Spiteri. Fil-tieni lok kif risultanti mid-dokumenti esebiti a fol 50 et seq, is-socjeta' attrici, entro l'hekk imsejjah 'release date', kienet giet informata illi ghall-perjodu msemmi, kien hemm bzonn ta' hmistax (15) il-kamra. Pero kien biss fit-13 ta' Awissu 1997 illi s-socjeta' konvenuta giet infurmata bil-problemi ta' 'overbooking' kif spjegat aktar il-fuq. Dan jfisser illi avolja s-socjeta' attrici kienet accettat li zzomm disponibbli n-numru msemmi ta' kmamar. Dwar dan il-punt Paul Spiteri jsostni li s-socjeta' konvenuta kienet taf b'dan il-fatt. Pero dan ix-xhud ma tantx jidher li kein jaf sew il-fatti u difatti kien xehed illi l-ftehim bejn il-partijiet kien wiehed verbali u mhix bil-miktub, kif filfatt kien il-kaz u ghalhekk din il-Qorti ma kienx ser tistrih fuq ix-xhieda tieghu.

Illi, ghalhekk, il-Qorti hi konvinta illi s-socjeta' attrici ghandha tigi ritenuta responsabbli f'dan il-kaz billi ma esegwietx l-obbligazzjoni assunta minnha u minhabba dan in-nuqqas, is-socjeta' konvenuta inkorriet dak kollu spjegat fix-xhieda ta' George Arrigo.

Ikkunsidrat

Illi, ladarba s-socjeta' attrici irrendiet ruhha responsabbli ghal dan il-ksur ta' obbligazzjoni ossija inadempjenza ta' ftehim, it-talba attrici mhux ser tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tichad it-talba attrici bl-ispejjes kollha jithallsu mill-istess socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------